# MADAME AURORE VERIE



Mela darba kien hemm f'Bormla, Salvu u Luigia Cassar; u kien hemm f'Ħal Għargħur Bertu u Grazzia Aquilina. Kien żmien ta' għaks u ġuħ, bejn l-1825 u l-1830. Għalhekk telqu għal Tuneż, qalbhom sewda żgur, għax naf x'jiġifieri li tħalli art twelidek. Jidher, milli kien jgħidu fil-familja, li wara ftit reġgħu lura Malta – forsi għat-twelid ta' xi tarbija – u wara marru lura Tuneż. It-Tuneżija għadha ma kinitx taħt il-Franċiżi; dawn ġew fl-1881.

U Salvu kellu tifel – Klawdju, u Klawdju kellu lil Salvu – missieri. U Bertu kellu lil Mario, u Mario kellu lil Grazzia – ommi.

Kienu bdiewa, neguzjanti. In-nisa kienu jagħmlu l-għenienel, jaħdmu r-rakmu, u jduru bil-ħafna tfal li kellhom.

Salvu Cassar u Grazzia żżewġu u kellhom għaxart itfal - ħamsa biss għexu. Meta ġejt jien, ġejt Franċiża mingħajr ma tlabt għax, skont il-liġi, it-tfal tal-ġenituri Maltin mitwielda Tuneż kellhom ikunu Franċiżi.

Xi ħaġa dwar il-Maltin ta' Tuneż: kien hemm l-Għarab, il-Lhud, il-kumunita' Taljana, il-Maltija, u l-Griega. Il-kumunita' Maltija kienet miftuħa, ħajja, b'ħafna soledarjeta'. Kien hemm il-knisja ta' San Pawl, bil-patrijiet Agostinjani Maltin, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, f'Kartaġni, it-teatru, il-banda "Duke of Connaught's Own Band", il-football, il-Boys Scouts, l-Għaqda tal-Għajnuna, u ...l-Konslu Ingliż, li ħlief festa kull sena fil-ġonna tiegħu, ma kienx jagħti kas tal-Maltin.

Minn ġenerazzjoni għall-oħra, s-sitwazzjoni tal-Maltin marrett għall-aħjar. Wara l-Gwerra tal-1939-45, il-maġġoranza kienet Franċiża – fuq il-passaport, imma Maltija fil-qalb. Ħafna kienu ż-żwiġijiet mal-Franċiżi u t-Taljani.

Fl-1956, bl-Indipendenza tat-Tuneżija, s-sitwazzjoni saret aktar u aktar ta' nkwiet u ta' periklu. U fl-1961, kellna mmorru malajr, nħallu kollox, familja, ħbieb, dar...bħal eluf ta' familji. Ma żewġi u t-tfal tlaqt lejn Franza, fejn ħadd ma kien jistenniena. Nies berdin, aktar minn dak ix-xahar ta' Diċembru 1961. Franza kienet fi kriżi minħabba l-Gwerra tal-Alġerija. Għamilna mill-aħjar: żewġi sab xogħol wara sena; jien kont ngħallem fi skola primarja tal-Gvern.

Is-snin għaddew. Fl-1975, it-tfal marru vaganzi weħedhom; żewġi kien fil-kura; u jien sibt ruħi waħdi fid-dar. Dar vojta, ħiemda, għall-ewwel darba! Bdejt naħseb fija, fi tfulitu, Tuneż, niesi, l-ilsien Malti...kif jgħiduha din? U dan? Ġietni xewqa li nisma' l-kliem Malti; xewqa tant kbira li ktibt lill-Ambaxxata ta' Malta, Pariġi. L-Ambaxxata bagħtet l-ittra tiegħi lill-*Association France-Malte* – li ma kontx naf biha, u dawn bagħtuli diska ta' kant Malti. X'ferħ! Kont nixxala nismagħha ħamsa, sitt darbiet, u aktar, kuljum.

Sirt naf li l-*Association France-Malte* kellha għaqdiet żgħar f'Lyon, Marseille, Montpellier, Nice, u Toulouse. U jiena ili mill-1980 viċi-president tal-Għaqda ta' Toulouse. Ġejna mistednin mill-Ambaxxata ta' Malta, f'Pariġi, u hemm lqajt ma' Ivan Magri-Overend, president tal-Maltin tal-Eġittu, f'Londra. Hu kellem dwari lil Karmen Mikallef Buħaġar, u din kitbitli biex immur inżur lil oħt Laurent Rapa, li kienet f'dar tal-anzjani f'Pau. Hekk bdiet il-ħbiberija bejnietna. Bagħtitli kotba tal-grammatika Maltija, u bdejt nitgħallem il-Malti miktub; u permezz tagħha li naf bl-Imnara. Grazzi Karmen!

Fl-Għaqda tagħna nagħmlu festa darbtejn fis-sena; u vjaġġ ta' grupp lejn Malta kull sena. Aħna madwar mija; ġejjin mill-Alġerija, t-Tuneżija, u l-Marokk. Nikteb gazzetta żgħira dwar il-ġrajja tal-poplu Malti, il-kultura, u d-drawwiet, u Malta tal-lum. Ħafna nies jixtiequ jagħmlu l-arblu ġeneoloġiku, u ngħinuhom biex jiktbu r-riċerka tagħhom. Ta' spiss insibu nies li huma kuġini; li jiġu minn xulxin mill-antenati. Nħobbu ngħidu xi kliem Maltin; niftakru flimkien drawwiet u qwiel; u xi riċetta! Nħobbuh il-Malti! Il-kelma Semitika saret ħelwa, il-kelma romanza saret qawwija; it-tnejn saru Maltin, ikkuluriti, mużikali – u kemm jiddispaċini li ma nafux sewwa, u kemm nifraħ li nifhmu! Bħalissa qiegħda naqleb ktieb Malti għall-Franċiż.

Aħna nippruvaw inżommu r-rabta bejnietna u ma' Malta; nitkellmu dwar Malta, nfaħħruha għal ġiegħ art missirijietna; għall-memorja tal-eluf ta' "Bertu" u "Grazzia" li telqu minn art twelidhom għal ħajja aħjar.

**© Aurore Verie Cassar.**